# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 620/90 DS**

**Vincent Zerafa**

**Vs**

**Charles Bianco**

Illum, 8 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Gunju 1990 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fis-27 ta' Jannar 1990 kien qieghed isuq f'Grace Street, Zebbug meta l-konvenut li kien qieghed isuq karrozza E-2777 hareg minn side street,

“Our Lady of Angels Street, Zebbug u investa l-karrozza tal-attur numru A-3696 misjuqa mill-istess attur;

Illi l-incident sehh tortament tal-istess konvenut minhabba imprudenza, traskuragni, nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u negligenza;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas il-hsara ta’ Lm383.56,0 (tlett mija tlieta u tmenin lira Maltija, u sitta u hamsin centezmu) baqa. Inadempjenti.

talab lil din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-incident li sehh fis-27 ta’ Jannar 1990 f’Grace Street, kantuniera ma Our Lady of Angels Street, Zebbug bejn il-konvenut li kien qieghed isuq karrozza E-2777 u l-attur li kien qieghed isuq karrozza A-3696 sehh tort unikament tal-istess konvenut.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas bl-imghax mill-1 ta’ Gunju 1990 lill-attur id-danni sofferti mill-istess attur fl-incident fuq deskritt fl-ammont ta’ tlett mija tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm383.56,0).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz mandat ta’ qbid fuq il-karrozza u ittra ufficjali, li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident in kwistjoni kien gie kawzat unikament mill-istess attur minhabba velocita' eccessiva, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-12 ta' April 1991 fejn giet nominata l-Avukat Dottoressa Rachel Spiteri Bonello bhala perit legali;

Rat id-digriet tal-15 ta' Novembru 2000 fejn il-perit legali giet awtorizzata tirritorna l-inkartamenti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobbilistiku li sehh fis-27 ta' Jannar 1990 fl-inkrocju bejn Grace Street u Our Lady of Angels Street, Zebbug. L-attur kien tiela' minn Grace Street isuq il-karrozza tieghu Fiat 127 numru A-3696. Il-konvenut kien qed isuq il-karrozza tieghu Datsun E-2777 f'Our Lady of Angels Street, bil-hsieb li jidhol go Grace Street. M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li Grace Street hija main road, filwaqt li Our Lady of Angels Street hija side road.

L-attur xehed li kien tiela' bejn 30 jew 35 mil jew kilometri fis-siegha meta hariglu l-konvenut. Cahad li l-konvenut kien wieqaf u hu ghamillu sinjal biex ikompli ghaddej ghax hu ma setax jarali. Warajh kien hemm karrozzi u ma setax jieqaf, ghalkemm dawn ma habtux go fih u lanqas fil-konvenut wara l-habta. Qal li skond ma jifhem hu, il-konvenut laqat lilu u mhux hu laqat il-konvenut.

Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jimputa lill-attur b'velocita' eccessiva u fid-dikjarazzjoni guramentata jghid li l-attur ghamillu sinjal biex jghaddi izda waqt li kien hiereg l-attur saq ghal fuqu. Fix-xhieda tieghu waqt seduta peritali tat-18 ta' Ottubru 1991 qal li qabel ma dar ghal Grace Street kien wieqaf u xeghel l-indicator, hares, ra lill-attur gej qisu xi ghaxar piedi 'l boghod u ghamillu sinjal biex jghaddi; beda hiereg bil-mod u f'daqqa wahda sabu go fih u tilef il-kontroll. Meta rega' xehed quddiem il-Qorti fl-4 ta' Lulju 2001 sostna li meta l-attur ghamillu sinjal b'idejh dan kellu l-indicator mixghul li ser jibqa' jdur go Our Lady of Angels Street u meta habat go fih l-attur kien diga' kwazi qabadha t-triq.

Fil-fehma tal-Qorti l-verzjoni tal-konvenut hija inverosimili. Ma jistax jitwemmen li l-attur minn ghaxar piedi biss boghod mill-kantuniera jaghmel sinjal lill-konvenut biex johrog biex imbaghad jibqa' diehel fuqu. Il-konvenut qal li wara li, allegatament, l-attur ghamillu sinjal, huwa hareg bil-mod. Anke jekk stess l-attur ghamillu sinjal, il-konvenut imissu rrejalizza li f'distanza daqshekk qasira mhux se jilhaq johrog biex jiehu postu fil-main road. Aktar u aktar meta l-konvenut stess jghid li l-attur kien ghaddej bi tletin (ghalkemm izid li "ma nafx bl-amment"). Jekk verament l-attur kien qed isuq bi tletin u minn ghaxar piedi boghod minn kantuniera jaghmel sinjal lill-konvenut biex johrog u dan johrog, il-konvenut ghandu xorta wahda jitqies responsabbli ghat-traskuragni li

wera f'dawk ic-cirkostanzi. Izda kif diga' ntqal, il-verzjoni tieghu ma hi xejn verosimili.

Harsa lejn l-iskizz tal-pulizija turi li effettivament dak li gara kien li l-konvenut qabad u hareg minghajr ma waqaf biex jesplora l-main road sabiex jassigura ruhu li jista' johrog bla hsara ghat-traffiku li jkun ghaddej. Bil-hrug inkonsult tieghu kkawza l-habta ma l-attur.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li, ghalkemm il-konvenut jidher li kellu passiggier mieghu, f'aktar minn hdax il-sena ma sabx l-opportunita' li jipproducieh biex jixhed.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali.

L-attur qieghed jitlob is-somma ta' Lm383.56 in linea ta' danni. Dwarhom ipproduca survey report u ricevuti relattivi u kkonferma li hallas dan l-ammont. Ghalhekk it-talba timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-incident li sehh fis-27 ta' Jannar 1990 f'Grace Street, kantuniera ma' Our Lady of Angels Stret, Zebbug, bejn il-konvenut li kien qed isuq karrozza E-2777 u l-attur li kien qieghed isuq il-karrozza A-3696 sehh tort unikament ta' l-istess konvenut.
(2) Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' Lm383.56 in linea ta' danni bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**

**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**